**QORTI CIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. MHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 11 ta' Frar 2016**

**Kawza Numru : 16**
**Rikors Numru : 248/2006 JPG**

**Victor Azzopardi, Emanuela Micallef, Silvia Galea, Raymond Borg, Paul Borg u Simon Borg, Joseph Azzopardi, Antonia Fenech u Carmen Vella**

**VS**

**John Azzopardi u l-konjugi Eugenio u Helen Azzopardi u Paul Azzopardi ghal kull interess li jista' jkollu u b'digriet tas-6 t'Awwissu 2008, l-atti gew trasfuzi f'isem Raymond Azzopardi, Noella Azzopardi *stante l-mewt ta' Paul Azzopardi**

**Il-Qorti :**

Rat r-rikors tal-atturi tal-24 ta'Marzu 2006, li jaqra hekk:

*"Illi skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Marthese Felice datat 14 ta'Frar 1996 (Dok A) Maria armla ta' Giovanni Azzopardi "bieghet" sehem ta' nofs (1/2) indiviz wahdu lil intimat John Azzopardi u lil intimati Eugenio u Helen mizzewgin*

*Azzopardi sehem ta' nofs (1/2) indiviz bejniethom tan-nuda propieta ta' sehem ta' nofs (1/2) indiviz tal-ghalqa imsejha tal-Vitar, fil-kuntrada ta' Ghamara kif ahjar deskritt fl-istess kuntratt.*

*Illi skond il-kuntratt il-bejgh sar bil-prezz ta' Lm 30,000 u fil-kuntratt gie ddikjarat :"liema prezz il-venditrici tiddikjara li irceviet minghand il-kompraturi u ghalhekk thalli d-debita rcevuta."*

*Illi ftit wara li gie ffirmat dan il-kuntratt Maria Azzopardi dahlet l-isptar u imbaghad mietet fis-26 t'Awwissu 1997.*

*Illi jirrisulta li meta mietet Maria Azzopardi ma irrizultax li qatt kellha dan l-ammont ta' Lm 30,000 fil-kont taghha u kif se jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-ammont ta' Lm 30,000 qatt ma thallset lilha u l-kuntratt fuq imsemmi huwa sempliciment frodi maghmul mill-intimati sabiex ir-rikorrenti ma ikollhomx dritt jitolbu s-sehem taghhom mill-wirt ta'Maria Azzopardi.*

*Illi l-partijiet f'din il-kawza huma dawk kollha li kellhom xi interess fil-wirt ta'Maria Azzopardi.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Marthese Felice (Dok A) fuq imsemmi huwa null u bla effett billi huwa kuntratt frawdolenti billi qatt ma kien hemm hlas ta' Lm 30,000 lil "venditrici"."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-konvenuti John Azzopardi u l-konjugi Eugenio Azzopardi u Helen Azzopardi tas-19 ta' Gunju 2006 (a fol. 22.) li taqra hekk:

1. *"Illi fl-ewwel lok, l-atturi ghandhom jiddikjaraw b'mod car l-azzjoni li qed jeżerċitaw u l-interess ġuridiku ta' kull wiehed u wahda minnhom fiha.*

2. *Illi fil-mertu, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fil-ligi billi mhuwiex minnu li l-kuntratt impunjat sar bi frodi tad-drittijiet tal-atturi.*

3. *Illi ghalhekk il-kuntratt imsemmi huwa validu u vinkolanti kemm fuq il-kontraenti kif ukoll fuq is-successuri taghhom."*

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti John Azzopardi u l-konjugi Eugenio Azzopardi u Helen Azzopardi tas-19 ta' Gunju 2006 (a fol. 23;

Rat ir-risposta ta' Paul Azzopardi tas-6 ta' Dicembru 2006 (a fol. 33 li taqra hekk:

1. *"Illi fl-ewwel lok, l-atturi ghandhom jiddikjaraw b'mod car l-azzjoni li qed jeżerċitaw u l-interess ġuridiku ta' kull wiehed u wahda minnhom fiha.*

2. *Illi fil-mertu, it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fil-ligi billi mhuwiex minnu li l-kuntratt impunjat sar bi frodi tad-drittijiet tal-atturi.*

3. *Illi ghalhekk il-kuntratt imsemmi huwa validu u vinkolanti kemm fuq il-kontraenti kif ukoll fuq is-successuri taghhom."*

Rat id-dikjarazzjoni ta' Paul Azzopardi tas-6 ta' Dicembru 2006 (a fol. 34) ;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-14 ta' Frar 2007 (a fol. 39) fejn innominat bhala Perit Legali li Dr Vincent Galea;

Rat ir-risposta guramentata ulterjuri tal-konvenuti John Azzopardi u l-konjugi Eugenio Azzopardi u Helen Azzopardi tat-22 ta' Gunju 2011 (a fol. 150) li taqra hekk:

1. *"Il-karenza ta' interess ġuridiku tal-atturi fl-azzjoni proposta minnhom.*

*Ghalkemm l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt ta' omm il-kontendenti Maria Azzopardi, li mietet fis-26 t' Awissu 1997, huma naqsu li jitolbu l-hlas tal-legittima fit-terminu stabbilit bl-artikolu 845 tal-Kodici Civili (Ara sentenza fl-ismijiet* ***Mary Calleja et vs Francis Scerri et,*** *Citaz. Nru. 521/1995 RCP konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2007). Konsegwentement, l-atturi ma fadlilhom ebda interess fl-ezitu ta' din l-azzjoni billi f'kull kaz tilfu kull jedd li seta kellhom ghal xi sehem mill-assi ereditarji tal-mejta Maria Azzopardi."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea prezentata fid-9 ta' Lulju 2014 u mahlufa fis-16 ta' Dicembru 2014 (a fol. 241 et seq.);

Rat in-nota ta' kritika tas-7 t'April 2015, tar-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea (a fol. 380 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' John Azzopardi et tat-2 ta' Lulju 2015 (a fol. 395 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Is-segwenti huma l-fatti kif rizultanti mix-xhieda prodotta u mid-dokumenti esebiti mill-partijiet fl-atti ta' din il-kawza:

**L-attrici Emanuela Micallef** xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit a fol.16 - 17. Fil-qosor hija qalet li:

Hi kienet tmur tiehu hsieb lill-ommha u torqod maghha wara li kien gie nieqes missierha. Tghid ukoll li sentejn qabel ma gie nieqes missierha, lill-ommha kien ta

*stroke* u kien ghalhekk li hi u hutha kienu ddecidew li ma jhallux lill-ommhom torqod wahedha. Ommha diġà kellha sebgha u sebghin (77) sena dak iz-zmien.

Ommha kienet toqghod id-dar taghha iżda l-ghada li kienet saret il-causa mortis ta' missierha ghand in-Nutar Marthese Felice, hija saret taf li ommha ma kienitx irritornat id-dar taghha wara li ffirmat din il-causa mortis, u "... *marret toqghod ghand ohti Helen mart Gino Azzopardi*" (fol. 16).

Tghid ukoll li meta saret taf b'dan, hija kienet marret id-dar ta' ommha u hemm sabet lil huwa l-intimat John Azzopardi. Hija qaltlu "... *ha l-karti ta' ommok*" (fol. 16). Skond l-attrici, huwa beda jghajjat u qalilha "... *ara ma tinkwetawx lil ommi ghax noqtol lil xi hadd minnkom*" (fol. 16).

Fid-9 ta' Marzu, 1996 ommha regghet dahlet l-Isptar b'*stroke* iehor. L-Isptar damet xi granet u wara ittiehdet l-Isptar Zammit Clapp. Wara li harget minn Zammit Clapp ommha marret toqghod ghand l-intimata Helen Azzopardi u wara regghet dahlet l-Isptar ghall-amputazzjonijiet ta' riglejha. Sussegwentement ittiehdet Villa Messina ġewwa r-Rabat.

Emanuela Micallef ssostni li minn meta ommha kienet dahlet l-Isptar sakemm ġiet nieqsa, ftit li xejn setat tikkomunika maghha ghalkemm ppruvat taghmel dan. Kull meta kien jirnexxielha tkellimha, hija kienet tghid lil ommha "... *irranghom l-affarijiet u hi kienet tghid mhux huma gerfxu*" (fol. 16). Tghid ukoll li ommha kellha diffikultà kbira biex tikkomunika u kienet tibki malajr.

Wara li ġiet nieqsa ommha, huwa l-attur Victor Azzopardi kien ghamel riċerka l-Bank u ma sab **"*... ebda traċċa ta' xi ammont li suppost rċeviet meta sar il-bejgh*"** (fol. 16). Qalet li hi qatt ma regghet dahlet fid-dar tal-genituri taghha wara li ommha kienet ittiehdet ghand l-intimata Helen Azzopardi.

L-attrici tghid li kienu anke kellmu lil Dun Anton Mallia biex dan jghid lill-ommhom sabiex **"*... ma thalliex inkwiet iżda baqghet xorta*"** (fol. 17). Kienet anke kellmet lil *social worker* biex din tkellem lil ommha iżda kien kollhu ta' xejn. **Waqt li ommha kienet residenti Villa Messina hija ma kienitx tikkomunika.**

L-attrici qalet li ommha kellha l-pensjoni u l-flus tal-mard u kien l-intimat John Azzopardi li kien jiehu hsieb dawn l-affarijiet. Certa però li ommha qatt ma kienet qaltilha li hi kellha tletin elf lira Maltin (Lm30,000).

In kontro-ezami a fol. 340 u 344, hija qalet li l-ahhar li kienet kellmet lil ommha kien meta kienu ghand in-Nutar Felice biex jiffirmaw il-*causa mortis*. Ziedet tghid ukoll li meta ommha kienet Zammit Clapp, St. Luke's u Villa Messina, hi u ommha kienu jitkellmu fuq il-hajja familjari però ghar-rigward ta' wirt qatt ma tkellmu. Ziedet tghid li hi lil ommha kienet qaltilha "*ma thalliex inkwiet warajk bhal ma halla missieri*" u hi kienet wegbitha u qaltilha "*tqis ruhek ma l-ohrajn ghax missierek kellem lil Johnny*". Ziedet tghid li "*dan iz-zmien ommi kienet taf x'qed taghmel, però wara li ta' l-istroke ma baqghetx. Dan id-diskors ommi qaltuli Zammit Clapp*". Sussegwentement, f'xhieda ulterjuri taghha, l-attrici qalet li dan id-diskors kien inghad lilha meta hi kienet ghadha torqod ma ommha u ghalhekk, meta qalet il-kelma "zammit Clapp" riedet tfisser "id-dar".

Qalet ukoll li ommha kienet iżżomm il-flus id-dar u li ma kienitx temmen bil-bank. Mistoqsija fejn kienet iżżomm il-flus ommha, x-xhud qalet li ma kienitx taf. Cahdet li ommha kienet tatha xi flus, salv ghal "*mitt lira Maltin (Lm100) bhal ma tat lil huti l-ohra*". Mistoqsija minn fejn kienet ġabet dawn il-flus ommha, l-attrici wieġbet li ma kienitx taf. Qalet biss li dawn il-flus kienu fuq il-mejda u li kienet wahedha meta taghthomlha. Stqarret li lil Salvina ommha ma kienitx taghtha flus peress li din ma kienitx toqghod maghhom iżda maz-zija taghha. Mistoqsija jekk qattx rat flus id-dar, l-attrici qalet li qatt ma rat però taf li kien hemm. Mistoqsija ukoll jekk hi kellhiex problema ta' flus u li kienet talbet il-flus lil ommha, l-attrici wieġbet fin-negattiv.

**Paul Borg**, l-attur, xehed permezz ta' affidavit a fol. 18. Huwa qal li meta kien mar ghand in-Nutar Marthese Felice fl-14 ta' Frar, 1996 biex jiffirma l-causa mortis huwa kien ra lill-intimati John u Helen Azzopardi dehlin ma nanntu Maria Azzopardi ghand in-Nutar. Huwa informa b'dan lil zijuh Victor Azzopardi, u wara li dan ivverifika x'kien gara, huwa nfurmah li "***n-nanna kienet ghaddiet il-proprjeta lil John Azzopardi u Helen Azzopardi***" (fol. 18). Wara din l-okkazzjoni huwa ma regghax mar ghand nanntu.

**L-attur Victor Azzopardi** xehed bl-affidavit a fol. 19-20. Huwa beda biex qal li ommu kellha ghaxart' itfal u li fost l-assi li kellha kien hemm nofs ghalqa maghrufa bhala ta' Jannara, fil-limiti ta' Birkirkara. Ommu, jkompli jghid l-attur ġiet nieqsa fis-sena 1997. Sentejn qabel u cioe fis-sena 1995 gie nieqes missieru u fi Frar tas-sena 1996 huma ghamlu d-dikjarazzjoni causa maortis ta' missieru ghand in-Nutar Marthese Felice. In-Nutar kienet qaltlhom, ikompli jghid l-attur, sabiex ma jmorrux kollha f'daqqa u fil-fatt hekk gara. Qal li

> **"*l-ghada wara li telqu huti minnghand in-Nutar, n-Nutar Felice qaltli li dak-in-nhar stess li ghamilna l-kawza mortis tal-missier: 'jiddispjecini nghidlek li l-bierah, wara li tlaqtu intkhom gew ghandi ommok, huk John Azzopardi u Gino r-ragel ta' ohtok'. Jiena staqsejtha ghal xhix gew u hi bdiet tidhaq u qaltli li 'ommok ttrasferiet il-parti tal-ghalqa taghha lil John u Gino. Jiena staqsejtha dwar il-prezz u hi qalet li huma qalulha li huma se jaghtuha Lm30,000. Dan meta l-parti taghha kienet tiswa almenu Lm100,000*"** (fol. 19).

Kompla jghid li qabel il-kuntratt, ommu kien ta *stroke* u filwaqt li kienet tghix id-dar taghha, kienu jorqdu maghha ulied l-attur Victor Azzopardi u ohrajna, inkluż Emanuela Micallef.

Qal ukoll li l-ghada tal-kuntratt, ohtu Helen, mart Gino Azzopardi kienet hadet lil ommhom toqghod maghha ghal xi granet. Wara ftit taz-zmien, ommu regghet sofriet minn *stroke* iehor u wara li kienet harget mill-Isptar haduha Zammit Clapp u wara l-intimat John Azzopardi dahhalha Villa Messina.

Fiz-zmien meta sar il-kuntratt, qal l-attur, ommu kellha bejn 78 u 79 sena.

Wara li ġiet nieqsa ommu, kienet saret riċerka fil-banek u ma irrizultax li kellha xi flejjes.

Ghar-rigward ta' l-art li ġiet trasferita lill-intimati minn omm il-kontendenti, x-xhud qal li skond ma halla missieru fit-testment, n-nofs tal-plot in kwistjoni kien inghata **lill-istess intimati u b'hekk bil-kuntratt li huma u cioe l-intimati ghamlu ma ommhom, issa gew li ghandhom l-art kollha**.

Qal li wara li kien sar il-kuntratt u kien mar diversi drabi jipprova jkellem lil ommu meta kienet l-Isptar u kif ukoll meta kienet Zammit Clapp iżda minhabba l-istat ta' sahha taghha ma kienet tghid xejn. Zied ighid li "*ppruvajt nsaqsiha fuq il-bejgh iżda hi qalet 'nixtieq nibdel kollox ghax jien żbaljajt umma ma ihalluniex'. Ommi kienet qaltli 'huma hawdu, jiena nixtieq nirranġa, iżda huma hawdu*" (fol. 20).

L-attur qal li huwa konvint li ommu qatt ma hadet l-ammont imsemmi fil-kuntratt ta' bejgh. **Tant hu hekk, ikompli jghid, li ommu kienet sahansitra talbitu Lm5.** Zied ighid li wara li telqet minn Zammit Clapp ommu ma kinitx titkellem iżjed.

Huwa kien staqsa ukoll lin-Nutar Felice jekk fil-presenza taghha kienux ghaddew flus, u skond hu, **hi qaltlu li '*quddiemi ma rajtx flus*'.**

L-attur semma' ukoll li bejn il-kontendenti odjerni kien hemm proċeduri ġudizzjarji ohra (dawk bin-numru 3353/96/TM) u li minn dawk il-proceduri, skond hu, l-intimat John Azzopardi kien iddikjara li meta kienet marida omm il-partijiet hu kien ihallas il-kontijiet in konnessjoni ma' Villa Messina u l-istess intimat ma kienx jiehu flus minn ta' ommu. Kompla jghid li f'dawn l-istess proċeduri, ohtu Helen Azzopardi kienet qalet li ma kinitx taf x'assi kellha ommha u li huha John Azzopardi, intimat f'dawn il-proceduri odjerni, kien ihallas ghall-ispejjes taghha ta' Villa Messina minn butu. Qal li ohtu Helen kienet stqarret li hi:

> **"*ma naf b'ebda kuntratt fejn ommi rċeviet xi flus (ara xhieda ta' Helen Azzopardi datata 26 ta' Novembru 2003 fil-kawza Citaz. 3353/96 TM fl-ismijiet Azzopardi Victor et vs. John Azzopardi et)*"** (fol. 20).

In kontro-ezami, huwa qal li fis-snin disghin kellhu relazzjoni normali mal-genituri tieghu u kien imur izurhom darbtejn jew tlett darbiet fil-gimgha.

Qal li qabel ma kien miet missieru, lil ommu kien ta *stroke* u kienet ittemtem u kien anke jzommilha xi ftit ilsiena. Wara li kienet irkuprat xi ftit, ommu kienet taghmel xi haġa tat-tisjir ghaliha u ghal missieru.

Wara li gie nieqes missieru, huma bdew jorqdu ghand ommu b'sistema ta' roster. Qal li ommu kienet baqghet issajjar anke wara li kien gie nieqes missieru.

Madwar sena u nofs wara li kien gie nieqes missieru, ommu kien hargilha z-zokkor u kienu dahluha Capua Palace u ghamlet xi żmien hemmhekk. Imbaghad marret toqghod ghand ohtu Helen Azzopardi, sussegwentement iddahhlet St. Luke's u imbaghad Villa Messina. Huwa baqa jmur iżur lil ommu madwar tlett (3) darbiet fil-gimgha. Qal li huwa ma hallasx ghal ispejjeż ta' Capua Palace jew ta' Villa Messina l-ghaliex hadd ma talbu. Kien hallas huh John Azzopardi u dan skond ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti.

Zied jghid li madwar tlett xhur qabel ma ġiet nieqsa, ommu bil-kemm kienet tgharrafhom.

Mistoqsi meta sar jaf bil-kuntratt li qieghed jiġi attakkat permezz ta' dawn il-proceduri, x-xhud qal li huwa sar jaf l-ghada. Huwa ma kienx kellem lil ommu dwar dan il-kuntratt **u dan peress li hija kienet ittiehdet toqghod ghand ohtu Helen Azzopardi immedjatament dak-in-nhar tal-kuntratt**.Huwa jaf b'dan l-ghaliex dak-in-nhar li kien sar il-kuntratt kien imissu jorqod maghha xi hadd minnhom iżda ommu baqghet ma fethitx il-bieb ta' barra. L-ghada, meta ommu niżlet id-dar taghha matul il-gurnata, huwa kien staqsieha jekk kienitx raqdet ghand ohtu u hija kienet ikkonfermat dan il-fatt.

Stqarr li waqt li kienet Capua, huwa kien staqsa lil ommu l-ghala kienet iffirmat il-kuntratt u skond hu, hi kienet qaltlu "***huma jafu, huma jafu, huma haduni ghand in-Nutar***". Dak-in-nhar ukoll, ommu kienet talbitu lira sabiex tkun tista taghtiha lin-nurse. Huwa ghaddielha żewġ liri u meta staqsieha x'kienet ghamlet bil-flus tal-kuntratt, hija qaltlu **"*... ma nafx, ma nafx, u dan wara li kienet qaltli xi flus?*".** Dak

il-hin dahal huh John Azzopardi u staqsieh x'kien qieghed jaghmel hemm u qallu sabiex jaqbeż il-barra jew inkellha kien ser iqabbzu mit-tieqa.

**L-attur qal li ommu kienet taghmel salib biex tiffirma.**

F'xhieda ulterjuri, huwa qal li meta qal li ommu kienet marret Capua Palace huwa ried jghid li ommu kienet marret Zammit Clapp u allura **ma kien hemm l-ebda hlas meta ommu kienet f'dan l-Isptar.**

Qal ukoll li ftit wara li kien gie nieqes missieru, **huwa kien irċieva s-somma ta' Lm100 minghand ommu, bhal ma irċevew hutu kollha.**

**Sylvia Galea**, attrici f'dawn il-proceduri a fol. 21 u 346 et seq, ukoll xehdet permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Hija qalet li kien huwa Victor li kien infurmaha li ommha kienet ghamlet kuntratt li bih ittrasferiet s-sehem taghha fil-plot maghrufa bhala ta' Jannara lill-konvenuti. Ziedet tghid li hi taf li l-ghada li kien sar dan il-kuntratt, ommha kienet marret toqghod fid-dar ta' ohtha Helen Azzopardi, wahda mill-konvenuti, u li ftit wara ommha kien ta' *stroke*. Kienet ittiehdet l-Isptar u imbaghad marret Zammit Clapp sakemm finalment spiċċat Villa Messina. Kompliet tghid li ommha kienu tawha żewġ *strokes*. **Wiehed qabel ma gie ffirmat il-kuntratt u iehor wara li ommha kienet bdiet toqghod ghand il-konvenuta ohtha**. Qalet li meta kienet l-Isptar, ommha ma kienitx titkellem hlief li taghmel sinjali. Fil-fatt, tghid li "... *wara l-ewwel stroke*" ommha "*marret lura hafna bhala sahha u wara t-tieni stroke kien diffiċli li tikkomunika maghna. Wara l-ewwel stroke xi hadd dejjem kien jorqod maghha*" (fol. 21). In kontro-ezami, qalet li hi qatt ma kellha xi tghid ma ommha u ġieli kienet tmur ghandha. Stqarret li ommha kienet cemplitilha xi ftit qabel ma kellha tmur ghand in-Nutar biex tiffirma d-dikjarazzjoni *causa mortis*. Ziedet tghid li "*fis-sitt (6) xhur ta' bejn il-perjodu li miet missieri u saret il-causa mortis nghid li mort ftit drabi ghand ommi*". Qalet li trabbiet maz-zija u ma kellhiex ċavetta tad-dar.

L-attrici Galea qalet ukoll li hi u ommha qatt ma tkellmu fuq il-wirt jew x'kienet ir-raguni l-ghala hi qatt ma kienet taghtha flus bhal ma tat lil hutha. Kienu jitkellmu in ġenerali bhal kif kienu huma t-tnejn u ġieli tkellmu fuq il-familja. Kienet anke marret taraha meta kienet l-Isptar. Qalet li minkejja li ma tantx kienet tmur ghand ommha,

hija tiftakar li **"*... kienet timxi wahedha, kienet tiftahli l-bieb wahedha, kienet toqghod wahedha d-dar, taghmel il-borma u titkellem mieghi*".** Qalet però li bil-lejl **ma kienitx torqod wahedha.**

Ghar-rigward tal-*causa mortis*, l-attrici qalet li n-Nutar Felice kienet qratilhom però hi ma kienet fehmet xejn. Ziedet tghid li **"*in-Nutar qratilna dak li dehrilha hi. Jien iffirmajt minkejja dan u minkejja li ma fhimt xejn*"**. Ghar-rigward tal-hlas tal-*causa mortis*, l-attrici qalet li dan **il-hlas ghal kulhadd kien ghamlu huha John.**

Fir-rigward tat-tieni *stroke* li kien ta lill-ommha, l-attrici tghid li hi ma kienitx taf li ommha kien ġralha hekk u kienu hutha li qalulha b'dan.

Stqarret ukoll li **"*Ommi wara li kien ta' l-ewwel stroke kienet qaltli li hija kienet sejra taghtihom l-art ta' Jannara lil huti Helen u John. Ommi kienet taf x'sejra taghmel. Dan id-diskors ma qaluli hadd*"**. In ri-ezami u sabiex tipprova timmittiga dak li kienet ghadha kif xehdet, l-attrici qalet li "***jien ma kontx preżenti meta ommi qalet dan id-diskors. Ma niftakarx min qaluli dan id-diskors*".**

Fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2007 **xehdet in-Nutar Marthese Felice** a fol. 52A sa 54 A. Bdiet biex tghid illi hija kienet ippubblikat kuntratt fl-14 ta' Frar, 1996. Qalet li ftakret dwaru ghax rat il-kuntratt mill-volumi taghha u mhux ghax ftakret mill-memorja. Qalet ukoll li jekk mhux sejra żball, kien sar kuntratt *causa mortis* eżattament qabel ma kien sar dan il-kuntratt però ma ftakritx jekk dawn iz-zewg kuntratti sarux fl-istess ġurnata. Qalet li dak iz-zmien hija kienet taf lill-familja b'mod professjonali, inkluż il-ġenituri iżda mbaghad qatghet il-kuntatt.

Mistoqsija jekk kienx sar konvenju qabel ma gie ppubblikat il-kuntratt, ix-xhud wieġbet li ma tiftakarx. Qalet li "*fil-file ta' min ikun qieghed jixtri jekk kien hemm konvenju, l-prattika tieghi hi li wara l-kuntratt dan jitqatta*" (fol. 52A). Qalet li l-prattika taghha hi li "*... meta l-venditur ikun ta' ċertu eta avvanzata jiena nesigi li jkun hemm ċertifikat mediku dwar il-kapacita tal-venditur.* ***Pero f'dan il-kaz ma niftakarx*"** (fol. 52A). Mistoqsija jekk Dr. Horace Gatt kienx it-tabib regolari ta' Maria Azzopardi, **x-xhud qalet li ma ghandha l-ebda idea.**

Meta ġiet mistoqsija dwar il-frazi "*il-venditrici tiddikjara li irċeviet minghand il-kumpraturi u ghalhekk thalli d-ddebita ricevuta*" jekk din tfissirx li Maria Azzopardi kenitx irċeviet il-flus fuq l-att jew inkella qabel l-att, **hija qalet li ma tiftakarx**. Ix-xhud **qalet ukoll li ma tiftakarx jekk kienux flus jew cheque.**

Ghal mistoqsija ***"inti kellek quddiemek mara anzjana li dehrlek li kien hemm bżonn li jkollha ċertifikat ta' tabib jiċċertifika li kienet kapaċi taghmel kuntratt, kont taf li kienet qeghda tinbiegh proprjetà ghal Lm30,000 ma dehrlekx li kellek tara li l-venditrici kienet irċeviethom fil-fatt*"**, ix-xhud wieġbet u qalet li ***"jiena meta ktibt dik il-klawsola kont sodisfatta li l-venditrici kienet irċeviet il-flus***" (fol. 53A). Mistoqsija tispjega kif kienet sodisfatt, hija qalet ***"l-ghaliex inkun staqsejtha f'dan ir-rigward. Ma niftakarx jekk kienx hemm flus jew cheque kif diġà ghidt*"** (fol. 53A).

Ftakret però li wara kien mar ikellimha l-attur Victor Azzopardi u kien urieha li ma kienx ha pjaċir b'dak li kien sar. Qalet li "*dan il-kuntratt ilu li sar 11-il sena ilu u allura l-memorja ma tibqax friska*" (fol. 53A).

In kontro-ezami, x-xhud qalet li hi ma kellhiex impressjoni li Maria Azzopardi ma kienitx taf x'kienet qeghda taghmel u li c-certifikat hi titolbu l-ghaliex hija regola taghha u mhux ghax hemm xi raġuni partikolari. Qalet li ***"jekk ikun hemm xi raġuni jiena ma kontx naghmel il-kuntratt mal-ewwel*"** (fol. 54A).

**John Azzopardi** xehed il-konvenut bil-procedura ta' l-affidavit a fol. 161 - 162. Huwa qal li kien ġuvni u minn dejjem kien joqghod ma ommu u missieru. Qal li ghamel snin twal jahdem u ghalhekk akkumula kapital iżda fin-1998 gie *boarded out*. Qal li "*tul hajjithom kemm missieri u warajh ommi dejjem sabuni mhux biss ghall-wens u l-ghajnuna li kien ikollhom bżonn, iżda anke fl-ghajnuna materjali anke ta' flus*" (fol. 161).

Zied ighid li in segwitu tal-mewt ta'missieru fi 1995, ommu kienet tatha rih ta' puplesija u kellha bżonn tidhol l-Isptar fejn damet tlett ijiem biss. Qal li fil-fatt, ommu kienet fieqet u ġiet normali ghal kollox. Fil-fatt, kompla jghid il-konvenut, hija baqghet tmur il-quddies kuljum, tixtri mis-suq, issajjar ghaliha u ghalih, waqt li hu kien jiehu hsieb l-affarijiet l-ohra kollha. Ghar-rigward tat-tindif tad-dar u l-hasil tal-

hwejjeg, dan kienet tiehu hsiebhom ohtu Helen, dana meta huh Costantino u missieru kienu ghadhom hajjin.

Wara li gie nieqes missieru, u peress li huwa kien jahdem bhala *watchman,* kienu jmorru jorqdu bil-lejl ma ommu, ulied hutu Helen, Victor u Pawlu. Gieli marret ohtu Emanuela u ġieli anke marret oht ommu Salvina. Damu sejrin hekk sakemm sar il-kuntratt ta' causa mortis.

Ghar-rigward tal-*causa mortis,* huwa qal li kien ha hsieb jikkomunika man-Nutar u mal-perit. Qal li ghar-rigward tal-*causa mortis* kienet ommu stess li kienet talbet lil hutu sabiex imorru ghand in-Nutar. Jghid li fil-fatt, hutu kienu marru f'zewg gruppi wara xulxin fl-istess ġurnata. Zied ighid li kemm hu u kemm ommu baqghu preżenti tul il-kuntratt shih maz-zewg gruppi. Qal li n-Nutar kienet qrat kollox lil kulhadd u kulhadd kien jaf ghal xhiex qed jiffirmaw. Hadd ma sab oġġezzjoni. Stqarr li huwa kien hallas kollox, lin-Nutar, lill-perit u t-taxxa tal-*causa mortis.*

Il-konvenut qal ukoll li "*l-ghada li ghamilna l-causa mortis konna ergajna morna ghand in-Nutar jiena, ommi u ohti Helen ma żewġha Gino. Dak-in-nhar ommi bieghetilna sehemha mill-ghalqa tal-Vitar bil-valur ta' tletin elf lira, li kien il-prezz kif stmaha l-perit*" (fol. 162). Spjega li "*... wara l-mewt ta' missieri, ommi kienet qaltli li riedet tbiegh sehemha mill-ghalqa ghaliex riedet il-flus f'idha biex ikollha x'taghti lil huti. Jiena kont ghidtilha biex jehduha l-barranin kont nohodha jien u ghalhekk kont intiha l-flus biex ikollha x'taghti*" (fol. 162).

Qal li ommu żgur li tat lill-hutu aktar milli qalu li tathom, speċjalment fil-kaz ta' Emanuela. Dak iz-zmien li kien jghix ma ommu, kompla jghid il-konvenut, flusu kienu kollha f'idejn ommu u ommu kienet thallas minn flusus. Huwa ma tantx kien iżomm flus il-bank iżda kien ihalliehom id-dar. Meta gew biex jaghmlu l-kuntratt, ommu kienet qaltlu li xtaqet li anke ohtu Helen tidhol mieghu u dan peress li hija dejjem kienet iddur biha. Hekk ghamlu u l-kuntratt ta' bejgh gie ppubblikat ghand in-Nutar Felice l-ghada li gie ffirmat il-*causa mortis*.

Il-konvenut spjega ukoll ir-raguni l-ghala ommu kienet iddeċidiet li tibda tmur torqod ghand ohtu Helen fil-ghaxija. Huwa qal li wara li kien sar il-kuntratt ta' bejgh kien

inqala l-inkwiet u mid-dehra, xi hadd minn hutu kien tkellem ma ommu dwar dan u kellhom xi jghidu maghha. Skond hu, ommu kienet qaltlu li "*... kienu heddewha b'hafna telefonati u mhabba f'hekk iddeċidiet li bil-lejl tmur torqod ghand ohti Helen*" (fol. 162). Zied ighid li bl-inkwiet li kienu ghamlulha hutu, **ommu kienet taghtha *stroke* madwar xahar u nofs wara li kien sar il-kuntratt.** Ghall-ewwel, kompla jghid il-konvenut, ommu kienet hazina iżda imbaghad biz-zmien ġiet ahjar. Mohha dejjem baqa tajjeb. Lil Professur li ommu kienet tahtu dejjem hallsu hu u huwa qatt ma inghata riċevuta.

In segwitu tal-i*stroke*, ommu kellha bżonn il-kura kontinwa u huwa kien qabdilha tlett *nurses* jahdmu bir-roster 24 siegha kuljum. Wara dahlet Villa Messina u kien ihallas kollox hu. Zied ighid li huma kienu ghamlu hafna spejjez fosthom xiri ta' sodda speċjali, spejjez ta' tobba u affarijiet ohra. Stqarr li l-konvenut Gino Azzopardi, r-ragel ta' ohtu Helen kien ghaddielu sehemhom mill-ispejjez u huwa kien halla dawn il-flus ma l-ohrajn.

Ghar-rigward ta' ommu, l-konvenut qal li ommu tant baqghet f'sensieha li meta kienet Villa Messina, kienet anke ivvutat fl-elezzjoni tal-1996. Kienet hi stess, kompla jghid il-konenut, li talbet biex tivvota.

Fil-kontro-ezami tieghu fil-kawza fl-ismijiet Victor Azzopardi vs John Azzopardi (Citazzjoni Numru: 3353/96 TM) huwa qal li kien johrog l-ispejjez kollha hu minn butu, inkluż tat-tobba u ta' Villa Messina. Qal li ommhu kellha pensjoni ta' madwar Lm140 u wara li kien ihallas l-ispejjez biha u kienet tispiċċa, kien johrog il-kumplament tal-flus hu. Dwar il-prokura, ghal ewwel din kienet inharget favur huh Pawlu iżda imbaghad minn Frar 1996 il-quddiem din harget favurih. Il-prokura li kellhu hu ma kienitx wahda ġenerali. Ikkonferma li ommu kellha kont fiss il-bank u li bil-prokura li kellhu la seta jiġbed u lanqas seta jiddeposita.

Ghar-rigward tar-rikavat mill-bejgh, huwa qal li "***il-flus ta' wara l-bejgh kienu f'idejha. Hi taf x'ghamlet bihom***" (fol. 76). Kompla jghid li kien staqsieha darba biss dwarhom u skond hu, ommu kienet qaltlu li "*... ser taghti xi haġa lil Victor u lil Lela ghax Lela kienet tiehu hsieb missierha u lil Victor kienet ser taghtih xi haġa biex ma jaqlalix inkwiet*" (fol. 76).

In kontro-ezami, huwa qal li wara xi sentejn li kien gie nieqes missieru, ommu kien ta' rih ta' puplesija, ghamlet tlett ijiem l-Isptar u harget u regghet ġiet lura ghan-normal.

Huwa sostna li waqt li kien ghadu haj missieru, kien hu li kien imur issarraf il-pensjoni. Wara li gie nieqes missieru, kien jiehu hsieb issarrafha huh Pawlu. Qal li huwa kien johrog il-flus ghal ommu meta kienet tispiccala l-pensjoni. Mistoqsi x'kien ihallsilha, huwa qal "*li kien ikun hemm bżonn kont nohorgu. Bhal spejjez ghall-ghalqa, meta ma kienx isserviha l-pensjoni, professuri, l-home, kollox. Jien kont inzomm nota ta' x'nonfoq u ma nonfoqx, però kien hemm hafna okkazzjonijiet fejn ma kontx innizel nota. Jien ma ghandix ghalfejn noqghod nghodd x'infaqt ghall-ommi*".

Qal ukoll li l-konvenut Gino Azzopardi kien hallsu nofs l-ispejjez tal-kuntratt (ta' l-ghalqa) iżda ma kienx hallsu l-ispejjez li huwa kien ghamel ghar-rigward tan-*nurses*, ta' Villa Messina et cetera.

Stqarr li fiz-zmien meta kien jghix ghand ommu, ma tantx kien jahdem bil-bank u l-paga kollha tieghu kienet iżommha ommu. Kompla jghid li meta ommu kien ikollha bżonn il-flus, hija kienet tiehu minnhom kemm kien ikollha bżonn. L-istess haġa jaghmel hu. Waqaf ihalli l-flus id-dar ma ommu, meta kien taha t-tieni *stroke*. Minn dak-in-nhar beda jiehu hsieb kollox hu.

Ghar-rigward tal-pensjoni ta' ommu, il-konvenut qal li huwa kien issarrafha u din kienet tithallat mal-paga tieghu. Qal li jahseb li lin-*nurses* huwa kien hallashom s-somma ta' Lm25,000. Ricevuti ghandu ghal nofs dan l-ammont. Il-kumplament ma ghandux riċevuti. F'dan l-ammont hemm ukoll l-ispejjez li huwa kien ihallas ghall-professuri, ghall-Villa Messina et cetera. Stqarr li huwa qatt ma kien talab lil hutu sabiex jaghtuh sehemhom u żied ighid li hadd minnhom ma kien ikellmu.

Mistoqsi x'assi ta' valur kellhom il-genituri tieghu, l-konvenut qal li kellhom l-ghalqa u d-dar. Qal li wara li gie nieqes huh Costantino, ommu u missieru kienu hallew l-ghalqa nofsha lilu u nofsha lit-tfal tal-konvenut l-iehor Gino Azzopardi filwaqt li l-kumplament ta' l-ahwa hallewlhom sehem mid-dar u mill-flus tal-bank.

Qal ukoll li ommu bdiet sejra lura dak-in-nhar li ġiet iffirmata l-*causa mortis* u dan peress li mar jorqghod hadd maghha. Zied jghid li ommu kienet haditha bi kbira hafna din tant li "*... ma riditx tibqa toqghod id-dar u hadtha ghand ohti Helen. Minn dak-in-nhar il-quddiem, beda t-theddid "non stop" tant li kelli sahansitra ndahhal lil Pulizija. Anke l-Isptar heddewha lill-ommi. Huti kienu miggieldin minn ma ommi u ma kienux ikellmuha, però meta ta' l-*istroke*, u ddahlet l-Isptar, bdew imorru jarawha. Mhux kulhadd però u dan kien ikun darba fil*".

Wara li kien gie nieqes missieru, ommu kienet qaltlu li riedet tbiegh sehemha mill-ghalqa sabiex tkun tista taghti xi haga tal-flus lil hutu. Huwa lil hutu ma kien qallhom xejn b'dan il-fatt, iżda kien qal lil ohtu Helen wara li ommu kienet kkmandatu jaghmel hekk. Kien wara li saret il-*causa mortis,* li huwa u ohtu Helen xtraw sehem ommu minn din l-ghalqa. Huwa kien ghadda sehemhu mill-flus ghax-xiri ta' sehem ommu minn din l-ghalqa f'zewg okkazzjonijiet. Parti qabel u parti wara. Qal li sehemhu kien thallas qabel il-kuntratt u kienet qasmitu ma hutu. Sehem Helen Azzopardi thallas wara. Qal ukoll li l-iktar wahda li kienet hadet flus kienet Emmanuela li kellha problema kbira ta' flus. Qal li sehemhu kien ta' Lm15,000 u li dawn il-flus kienu fil-kamra fejn hu u il-genituri tieghu kienu jhallu l-flus. Zied ighid li "*jiena ghidtilha biex tiehu li kien hemm bżonn u mbaghad mal-kuntratt nirranġaw. Dan kont qed nghidu b'referenza ghall-problema li kellha ohti Emmanuela*". Huwa qal li lill-ohtu l-attrici Emmanuela Micallef, ommu tatha madwar Lm7,000 u dan fi ftit xhur. Kien ghalhekk li ommu riedet tbiegh sehemha mill-ghalqa u dan sabiex tkun tista taghti l-flus lilha halli ma tispiċċax f'ilsien in-nies. Qal li dan l-ammont huwa wasal ghalih ghax kienet tghidlu ommu. Notamenti ta' dak li kienet tghidlu ommu qatt ma kiteb u dan peress li huwa kellu fiduċja f'ommu. Lanqas qatt ma talab karta lill-ohtu Emmanuela Micallef l-ghaliex ma kellhux ghalfejn jitlobha.

Ghar-rigward ta' sehem il-konvenut Eugenio Azzopardi, huwa qal li dan kien ghaddiehomlu jew dak-in-nhar tal-kuntratt jew inkellha l-ghada filghodu. Hallsu t-taxxa li kienet dovuta minn ommu huma ukoll u dan mill-flus li hija kienet dahhlet mill-bejgh ta' sehemha. It-taxxa taghhom hallsuha minn flushom. Meta ommu dahhlet Villa Messina, kompla jghid il-konvenut, huwa kien poġġa l-flus, ammontanti ghal Lm10,000 f'kont bankarju intestat fuq ismu. Huwa kien ihallas il-kontijiet ta' Villa

Messina minn dawn il-flejjes li kien poġġa fuq ismu. Mistoqsi kemm tat flus lil hutu l-ohra, l-konvenut qal li ma kellhux ideja.

**Il-konvenuta Helen Azzopardi** xehdet fis-seduta miżmuma quddiem l-esponenti nhar l-20 ta' Gunju, 2008 u qalet li hija tikkonferma fl-intier tieghu l-affidavit li hija kienet resqet fil-kawza fl-ismijiet Victor Azzopardi vs John Azzopardi (Citazzjoni Numru: 3353/96 TM a fol. 72). Ikkonfermat ukoll il-kontro-ezami taghha. A fol 73 mistoqsija minn mill-ahwa l-aktar li kien jiehu hsieb lil ommhom, hija qalet li kienet hi. Waqt li kienet qeghda tirrisjedi ghandha, hija ma kienitx tindahal lil ommha u ommha ma kienitx tghidilha x'kienet ser taghmel. Hi kienet ukoll issajjar lil ommha wara li kien gie nieqes missierha. Mistoqsija jekk hi qattx talbet xi flus lil ommha talli kienet toqghod ghandha jew talli kienet issajrilha, x-xhud wieġbet fin-negattiv. Qalet ukoll li huwa John kien xtara s-saqqu u s-sodda ghall-ommu minghand Peresso. Mistoqsija jekk taf x'assi kellha ommha wara li gie nieqes missierha, x-xhud qalet li safejn taf hi, ommha kellha ghalqa u flus il-bank. Pero, tkompli tghid il-konvenuta, hija ma kinitx tistaqsi x'kellha u ma kellhiex ommha. Lanqas qatt ma staqsiet lil huwa John Azzopardi minn fejn kien johrog il-flus.

Minn qari ta' l-affidavit u kontro-ezami, kkonfermati mill-imsemmija konvenuta jirrizulta s-segwenti:

- Li hi qatt ma hadmet u minn dejjem kienet tghin lil ġenituri taghha fid-dar. Sahansitra l-ghada li żżewġet hija marret ghand ommha tnaddaf.

- Wara li gie nieqes missierha u hutha saru jafu x'kien fih it-testment, hutha ma baqghux iżuru lil ommha kif kienu jaghmlu qabel u ghalhekk hadet lil huwa John u lil ommha ghandha. Qalet li ommha ma riditx tibqa torqod iżjed fid-dar taghha u dan peress li uliedha kienu bdew iċemplu u joffenduha. Kien ghalhekk li hi hadet lil ommha ghandha. Bdiet torqod ghandha iżda matul il-gurnata kienet tinżel lura darha. Wara però, żammitha ghandha ghal kollox. Minhabba f'hekk kellha tixtri

sodda speċjali li swiet Lm1,000. Wara li kien taha t-tieni *stroke,* il-konvenuta qalet li ommha qatt ma regghet ġiet f'taghha u mill-Isptar haduha l-isptar Zammit Clapp. Meta ma riedux iżommuha aktar f'dan l-Isptar, hija ġabitha ghandha d-dar u kienet anke iġġibilha nurse biex tikkuraha. In kontro-ezami, hija qalet li meta qalet li ommha baqghet qatt ma ġiet f'taghha hija riedet tghid li ommha ma kienitx qed titkellem sew u wara ftit bdiet tifhem dak li kienet tghidilha ghax ghal ewwel anke dak kien diffiċli.

- Lil ommha kien hargilha z-zokkor u bdiet tbaghti biċ-ċirkolazzjoni u minhabba f'hekk, kienu qatghulha sieqha u ghalkemm regghet marret ghandha d-dar ghal xi ftit taz-zmien, hija ma setatx tibqa żżommha u ghalhekk dahhluha Villa Messina. Waqt li kienet Villa Messina, hija kienet tmur taraha darbtejn kuljum. Hutha l-ohra kienu jmorru darba fil-gimgha filwaqt li huha Pawlu ma kien imur qatt.

- Qablet li missierha kien iżomm il-kamra ta' magemb il-kamra tas-sodda taghhom maghluqa però stqarret li ma tafx li huwa kellhu l-ammonti ta' flejjes li kienu qeghdin isemmu hutha.

- Ma kienitx taf xi flejjes kellhu missierha meta gie nieqes iżda qalet li "*naf żgur hu li ommi lili qaltli li tat xi flus lil Victor u lil Lela, minhabba li lit-tfal tieghi u lil John tathom l-ghalqa*" (fol. 72).

- L-ispejjes kollha relatati ma ommha kien ihallashom John Azzopardi minn butu. Qalet li huwa John qatt ma taghha xejn lilha talli hi kienet tiehu hsieb lil ommhom.

L-attur **Joseph Azzopardi** a fol. 355 et seq illi huwa qal li kien imur ghand ommu madwar darbtejn fil-gimgha u kien imur id-dar taghha sakemm baqghet toqghod

hemm imbaghad ġewwa l-*home* (Villa Messina) fir-Rabat. Meta kienet id-dar, huwa kien imur wara x-xoghol u normalment kien johdilha xi haġa ta' l-ikel. Kien idum madwar tletin minuta jew ftit iżjed. Kienu joqghodu jitkellmu. Qal li ġieli kien hemm huh Johnny, il-konvenut meta kien ikun hemm. Stqarr li darba ommu baghtitlu mitt lira Maltin (Lm100) mat-tifla tieghu. Qal ukoll li waqt li ommu kienet l-*home* fir-Rabat, hi ma tantx kienet f'sikkitha. Kienu jitkellmu fuq l-istat ta' sahhitha u kemm kienet mugugha.

Wara li kien ta t-tieni *stroke*, ommu kienet tkun ghajjiena u bilkemm taghraf kliemha. Mistoqsi jekk kienx jaf min kien jiehu hsieb il-bzonnijiet finanzjarji ta' ommu, l-attur wieġeb billi qal li ma kienx jaf.

Ghar-rigward tal-*causa mortis,* l-attur qal li ommu kienet marret ghalih id-dar flimkien ma huh Johnny. Qal li ma riedx imur u fil-fatt kien mar l-ghada l-ahhar wiehed wara li ommu kienet qaltlu li kien ser jehel multa jekk ma jiffirmax. Qal li "*jien ma ridtx inmur niffirma ghax mal-ewwel xammejt xi haġa u dan fis-sens li llum mar grupp u l-ghada mar grupp iehor*". Qal li meta l-ghada li ffirma kien qieghed ma hutu jitkellmu, huwa sab li n-Nutar ma kienitx qrat kollox. Qal li "*lil min qrat mod u lil min qrat mod iehor*".

B'referenza ghall-kuntratt ta' bejgh tal-ghalqa maghrufa bhala Ta' Jannara, huwa qal li sar jaf b'dan il-kuntratt l-ghada jew il-pitghada ta' meta kien iffirma l-*causa mortis*.

**Marie Therese Busuttil, rappreżentanta tal-Bank of Valletta p.l.c.** a fol. 275 et seq, qalet li minn riċerka li hija wettqet fuq Maria Azzopardi bil-karta ta' l-identita 179419(M) **ma rrizulta xejn**. Din ir-ricerka saret **mis-sena 1997 lil hawn**. Ziedet tghid li kont, wara li jkun inghalaq u jkunu ghaddew tlett (3) snin jitnehha min fuq is-sistema kompjuterizzata.

**Ir-rapprezentanta ta' l-APS Bank Limited, Maria Attard** a fol. 276, qalet li **ma irrizultalha xejn fuq isem Maria Azzopardi** mis-sena 1996 lil hawn.

**Audrey Ghigo, rappreżentant tal-HSBC Bank Malta p.l.c.** a fol. 276 et seq qalet li hija sabet żewġ kontijiet li gew immarkati bhala dok. AG 1 u dok. AG 2. Qalet li dok.

AG 1 infetah fil-11 ta' Novembru, 1997 filwaqt li dok. AG 2 infetah fit-18 ta' Ottubru, 1993. Dawn il-kontijiet, kompliet tghid ir-rapprezentanta tal-HSBC Bank Malta p.l.c., ghadhom miftuhin sal-lum. Ix-xhud spjegat ukoll li bhala *records* huma jżommu sa l-ahhar disa (9) snin.

**Ir-rapprezentanta tal-Lombard Bank Malta plc, Jeanette Lepre**,a fol 280 xehdet u qalet li ma sabu xejn dwar Maria Azzopardi.

**It-Tabib Lino Gauci Borda**, a fol. 285 xehed fit-2 ta' Novembru, 2007 u qal li beda jipprattika fis-sena 1961 u waqaf jipprattika fis-sena 1999. Tul dawn is-snin huwa kien it-tabib tal-familja Azzopardi inkluż ta' Maria Azzopardi. Zied jghid li huwa kien baghat lil Maria Azzopardi l-Isptar wara li kienet taghtha l-puplesija Records illum il-gurnata ma ghadx fadallu u ma jiftakarx dettalji l-ghaliex kienu ghaddew 10 snin. Qal li Maria Azzopardi ġieli kienet tmur ghandu l-ispizerija sabiex tiġi invistata u kien hemm xi drabi fejn kien mar hu d-dar taghha. Mistoqsi jekk setghax baghtha l-Isptar it-Tabib Horace Gatt u mhux hu wara li kien taha l-attakk tal-puplesija, x-xhud qal li jista jkun li huwa kien baghtha l-Isptar f'xi data ohra.

Xehed il-**Professur Carmel Mallia** a fol. 303 fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2008. Huwa qal li huwa speċjalizzat fil-medicina interna. Wara li eżamina l-*file* mediku ta' Maria Azzopardi, irrizulta li fis-26 ta' Novembru, 1994 Maria Azzopardi kienet iddahhlet l-Isptar u kienet taht il-kura tieghu. Ir-raguni l-ghala dahlet kienet li hi kellha *a transient cerebral ischaemic attack* li jfisser rih ta' puplesija. Skond in-notamenti li nkitbu mir-Registratur tieghu Dr. Bernard Coleiro, irriżulta li "... *l-pazjenta sabet diffikultà biex timxi dak in-nhar fil-ghodu stess u li t-tifla taghha innotat li ma setatx titkellem sewwa u li halqa kien miġbud daqxejn la gemba*". Minn eżami li kien sar fuq Maria Azzopardi ġiet ikkonfermata il-kundizzjoni. Wara li hi stabbilizzat ruhha, hija ġiet *discharged* mill-Isptar fid-29 ta' Novembru, 1994. Skond in-notamenti ukoll, irriżulta li Maria Azzopardi kienet *fully conscious* però kellha diffikultà biex titkellem. Kienet ukoll tbati mid-dijabete.

Kompla jghid ukoll li min-notamenti tal-file ta' l-Isptar, Maria Azzopardi ddahhlet diversi drabi l-Isptar. Ix-xhud semma dawn id-dati:

- **5 ta' Jannar, 1996** taht il-kura ta' Mr. Alex Attard;
- **9 ta' Marzu, 1996** taht il-kura ta' Dr. Farrugia;
- **31 ta' Mejju, 1996** kienet rat lil Mr. Anthony Zammit – surgical outpatients.
- **18 ta' Gunju, 1996** jidher li kienet operata fejn kellha amputazzjoni tar-rigel l-leminija;
- **23 ta' Settembru, 1996** taht il-kura ta' Dr. Alfred Caruana Galizia;
- **1 ta' Ottubru, 1996** taht il-kura ta' Dr. Michael Vassallo, speċjalista ta' l-anzjani.

Il-**Professur Alex Attard**, konsulent kirurgu a fol. 317 et seq xhed li filwaqt li ma jiftakarx lil Maria Azzopardi bhala persuna, huwa gharaf lil bintha Sylvia Galea li kienet preżenti waqt is-seduta li fiha xehed. Huwa qal li qabel ma xehed f'din is-seduta, huwa kien eżamina l-file ta' Maria Azzopardi. L-uniku involviment tieghu kien f'Lulju, 1996 meta ġiet riferuta lilu b'kundizzjoni medika u cioe *gangrine* fis-sieq il-leminija. Wara li ġiet operata, Maria Azzopardi ġiet discharged lejn Zammit Clapp. Qal li l-istess Maria Azzopardi kienet tat il-kunsens taghha permezz ta' marka quddiem ix-xhieda sabiex tkun tista ssirilha l-operazzjoni. "*ghalhekk min-naha taghna (it-team tieghi fid-Dipartiment tal-Kirurgija) Maria Azzopardi kienet kapaċi biżżejjed biex taghti l-kunsens. Li kieku ahna rajna li ma kenitx, u kien ikollha bżonn xi proċedura ohra, ovvjament konna nistaqsu lil qraba*". B'referenza ghal kunsens li Maria Azzopardi tat sabiex issirilha l-operazzjoni, x-xhud qal li huwa ma damx ikellimha ***"... iżda jien ma rajt l-ebda haġa fiha li b'xi mod seta dahhali xi dubju dwar il-kapacita taghha li taghti l-kunsens. Jien nasal ghal din il-konkluzzjoni ukoll mill-esperjenza tieghi u ghax nara li persuna tkun orjenatata u taf x'inhu jigri*". Qal ukoll li "*... ghal kull operazzjoni ahna dejjem inkunu żguri li l-pazjent jifhem il-parir li qed naghtih, però ghal din it-tip ta' operazzjoni li kellha Mrs Azzopardi it is standard practice illi nkunu ċerti doppjament li l-pazjent ikun qieghed jifhem ghal xhiex qieghed jiffirma*".**(a fol.318)

In kwantu ghall konkluzjonjiet peritali, Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonijiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti wara li ezaminat u analizzat ir-relazzjoni tal-Perit Legali, taghraf illi ma tistghax takkolji r-rezultanzi minnu raggunti ghar-ragunijiet illi ser jigu spjegati aktar il-quddiem.

Il-Perit Legali kien tal-fehma li l-ewwel eċċezzjoni kellha tigi ezaminata fir-risposta mahlufa ulterjuri tal-konvenuti John Azzopardi u l-konjugi Eugenio Azzopardi u Helen Azzopardi minnhom ippreżentata fit-22 ta' Gunju, 2011 (fol. 150) u li permezz taghha cioe' **il-karenza ta' interess ġuridiku tal-atturi fl-azzjoni proposta minnhom**. Fuq dan il-punt, il-konvenuti komplew jelaboraw billi qalu li "*ghalkemm l-atturi rrinunzjaw ghall-wirt ta' omm il-kontendenti Maria Azzopardi, li mietet fis-26 t' Awissu 1997, huma naqsu li jitolbu l-hlas tal-legittima fit-terminu stabbilit bl-*

*artikolu 845 tal-Kodici Civili (Ara sentenza fl-ismijiet Mary Calleja et vs Francis Scerri et, Citaz. Nru. 521/1995 RCP konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar 2007). Konsegwentement, l-atturi ma fadlilhom ebda interess fl-ezitu ta' din l-azzjoni billi f'kull kaz tilfu kull jedd li seta kellhom ghal xi sehem mill-assi ereditarji tal-mejta Maria Azzopardi*" (fol. 150).

Permezz ta' din il-kawza, l-atturi qeghdin jitolbu dikjarazzjoni mill-Qorti li l-kuntratt datat **14 ta' Frar, 1996** (fol. 4 et seq) atti Nutar Marthese Felice "*huwa null u bla effett billi huwa kuntratt frawdolenti billi qatt ma kien hemm hlas ta' Lm30,000 lil 'venditrici'*".

B'dak il-kuntratt, Maria armla ta' Giovanni Azzopardi bieghet u ttrasferiet lil konvenuti John Azzopardi u lil Eugenio u Helen konjugi Azzopardi s-sehem ta' nofs indiviz tal-ghalqa imsejha Tal-Vitrar, fil-kuntrada Ta' Gannara, limiti ta' Birkirkara bil-prezz ta' Lm30,000, **"*liema prezz il-venditrici tiddikjara li irċeviet minghand il-kumpraturi u ghalhekk thalli d-debita ricevuta*"** (fol. 5). Maria Azzopardi żammet l-usufrutt fuq l-imsemmija art ghal tul hajjitha.

Omm il-kontendenti ġiet nieqsa fis-26 ta' Awwissu, 1997 filwaqt li l-kawza odjerna ġiet intavolata fl-24 ta' Marzu, 2006.

Illi skond ma jirrizulta minn nota li l-atturi ntavolaw fit-18 ta' Dicembru, 2006 huma iddikjaraw li "*... qatt ma aċċettaw il-wirt u jirriservaw id-dritt li jitolbu l-legittima*" (fol. 38). Il-Perit Legali ghamel referenza ghall-artikolu 860(2) tal-Kodici Civili li jghid "*(2) Ir-rinunzja tista' ssir biss b'dikjarazzjoni ppreżentata fir-reġistru tal-qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja fil-gżira fejn il-mejjet kien joqgħod fiż-żmien tal-mewt tiegħu jew b'dikjarazzjoni magħmula b'att ta' nutar pubbliku".* Rinunzja formali maghmula fir-registru tal-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja qatt ma giet esebita f'dawn l-atti.

L-artikolu 845 tal-Kodici Civili imsemmi mill-konvenuti fin-nota taghhom (fol. 150) jistipula li: "*(1) <u>L-azzjoni biex jintalab wirt</u>, jew legat, <u>jew is-sehem riżervat</u>, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab* intestato, *<u>tispiċċa bl-egħluq ta'</u> **<u>għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni</u>**. (2) Iżda, għall-minuri, jew għall-*interdetti, *l-*

*azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru tal-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ*" (sottolinejar ta' l-esponenti).

Minn qari ta' dan l-artikolu tal-ligi u l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti, l-qaghda tal-kontendenti tista' tigi mfissra:

i. Jekk din il-kawza ikollha eżitu posittiv ghall-atturi, allura sehem ommhom mill-ghalqa imsejha tal-Vitrar, fil-kuntrada Ta' Gannara terga tidhol fil-wirt taghha.

ii. Il-konvenuti da parti taghhom qeghdin jghidu li l-interess ġuridiku ta' l-atturi f'din il-kawza spiċċa malli ghaddew ghaxar snin mill-mewt ta' ommhom Maria Azzopardi u dan peress li huma ma ghamlu jew intavolaw l-ebda att sabiex jitolbu l-legittima spettanti lilhom mis-sehem ta' ommhom Maria Azzopardi. Dan ifisser li ghalkemm huma kellhom dan l-interess meta kienet inbdiet din il-kawza, llum il-gurnata dan l-interess spiċċa peress li ghadda t-terminu citat ta' ghaxar (10) snin. Ghalhekk, ikun xi jkun l-ezitu ta' din il-kawza, ġaladarba ghaddew l-imsemmija ghaxar snin u l-atturi ma pprocedewx biex jitolbu l-legittima mill-wirt ta' ommhom fit-terminu stabbilit mill-ligi, llum il-gurnata ma jistghu jaghmlu xejn fuq dan l-ahhar punt u konsegwentement, hemm karenza ta' interess f'dawn il-proceduri l-ghaliex ma jistghux jużaw is-sentenza, anke jekk tkun favorevoli ghat-tezi taghhom.

Il-Perit Legali ta  taw esposizzjoni tal-kuncett t'interess guridiku fil-gurisprudenza taghna.

in fatti fis-sentenza **George Laferla et vs Joseph Lauri et noe** deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Mejju, 2002 inghad li li biex tigi ezercitata azzjoni, l-attur irid ikollu interess guridiku fil-prosegwiment ta' dik il-kawza, liema interess irid ikun jezisti fil-bidu tal-kawza u *jipperdura* tul is-smiegh tal-kawza.

Di piu' fis-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Micallef Goggi vs Procuratore Legale Emanuele Armando Mifsud et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' April, 1930 (Vol. XXVII/i/507), gie ritenut li ghalkemm il-kodici taghna m'ghandux provediment li jittrata l-htiega ta' interess, din il-htiega tista' tigi desunta mill-*artikolu* 236, li jitkellem fuq dritt ta' appell *"minn kull min ikollu interess"*, u mill-*artikolu* 960, li jitkellem fuq l-intervent f'kawza *in statu et terminis,* fiz-zewg kazi, tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-istess Qorti kompliet tfisser *"Fu nondimeno sempre ritenuto nella patria gurisprudenza, malgrado il difetto di una precisa disposizione della legge in materia, e come corollario di (queste) due disposizione, che base e misura di ogni azione guidiziario e' l'interesse in chi la istituisce e in chi la contesta' perche' se l'interesse e una condizione sine qua non per il semplice intervento e per l'appello, e' tale con maggior ragione per poter iniziare un giudizio".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **L-Ispizjar Anthony Darmenia et noe vs Onorevoli Dottor Giorgio Borg Olivier et noe et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-18 ta' Frar, 1966 gie ritenut li l-interess irid ikun guridiku fis-sens li dan l-interess irid ikun rikonoxxut bil-ligi u l-azzjoni trid tkun preordinata ghal l-otteniment ta' rimedju protett bil-ligi. Minhabba dan ir-rikwezit, gie deciz li rimedji li jwasslu biss ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni mhux permissibli. Intqal li ***"fis-sistema aktarx segwit mill-Qrati taghna, ghad li m'humiex projbiti domandi diretti ghall-otteniment ta' semplici dikjarazzjoni li tista' tkun pre-ordinata ghal domanda ohra definitiva jew finali, avolja din ma tkunx dedotta, jehtieg illi l-Qorti tkun perswaza illi dak ir-rimedju l'iehor jista' jinghata; jekk ir-rimedju konsegwenzjali m'huwiex ottenibbli mill-Qorti, id-dikjarazzjoni ma tinghatax".***

Dan l-insenjament gie rifless fis-sentenzi sussegwenti **Edrichton Estates Ltd vs Munro Philipps & Co Ltd**", deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru, 2003, **Joseph Grech vs Ludgarda Grech**, deciza mill- Qorti tal-Appell fil-11 ta' Jannar, 1989.

**Charles Axiak noe vs Onorevoli Dr. Fortunato Mizzi noe et** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Ottubru, 1952 (Vol. XXXVI.ii.532) fejn inghad li:

> ***"L-interess f'min jaghmel kawza m'hemmx bzonn li jkun patrimonjali, imma jista' jkun anki morali u astratt, purche' jkun ta' natura guridika, jigifieri li jkun jikkorrispondi ghal lezjoni ta' dritt, u ghalhekk, hu bizzejjed, biex jirradika dak l-interess, anki semplici dritt onorifiku. Lanqas m'hu mehtieg li jkun hemm vjolazzjoni ta' dritt veru u propju, imma hu bizzejjed li l-ezistenza tad-dritt tkun minaccjata".***

Il-Qorti, f'dik il-kawza, kompliet tisma' l-kawza li kienet intiza ghas-semplici interpretazzjoni ta' legat, u, ghalhemm, seta' jinghad li s-sentenza ma tkunx tista' tigi ezegwita,

> ***"mhux koncepibli kif is-sentenza li taghti dik l-interpretazzjoni tista' tigi injorata".***

Interessanti wkoll illi d-decizjoni fil-kawza **Albert Falzon Sant Manduca et vs Blanche Weale** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-9 ta' Jannar, 1959, (Kollez. Vol XLIII/i/1), fejn inghad li l-interess m'hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f'valur ekonomiku.

Fil-kawza **Ganado vs Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-3 ta' Settembru, 1961, gie wkoll deciz li:

> ***"d-dritt tal-attur vjolat bir-rizoluzzjoni impunjata ghandu kontenut morali, u jidhol fil-kategorija tad-drittijiet soggettivi immaterjali – liema dritt l-attur ghandu b'din l-azzjoni l-interess li jigi affermata permezz tal-awtorita' gudizzjarja".***

Fil-kaz in ezami, l-atturi talbu dikjarazzjoni sabiex din l-Qorti tiddikjara li l-kuntratt datat 14 ta' Frar, 1996 (fol. 4 et seq) atti Nutar Marthese Felice "*huwa null u bla effett billi huwa kuntratt frawdolenti billi qatt ma kien hemm hlas ta' Lm30,000 lil 'venditrici'*".

Mill-provi mressqa f'din il-kawza, ma jirriżultax li l-atturi ghamlu xi *atto di erede* fuq il-proprjeta ta' ommhom jew inkellha li talbu s-sehem riservat, ossia l-legittima, spettanti lilhom fit-terminu impost mill-ligi ta' ghaxar snin. Illi din l-inerzja da parti ta' l-atturi jwassluh biex jikkonkludi li l-istess atturi ma ghandhom l-ebda interess fl-ezitu ta' dawn il-proceduri. Il-Perit Leagli kien tal-fehma li dan huwa msahha ukoll b'dak li jipprovdi l-artikolu 845 tal-Kodici Civili fuq citat, l-ghaliex anke jekk din il-kawza jkollha eżitu favorevoli ghall-atturi, ġaladarba ghaddew l-ghaxar snin imsemmija fil-ligi u l-atturi baqghu inerti u ma ghamlu l-ebda att sabiex jitolbu sehemhom mill-wirt jew il-legittima spettanti lilhom, illum il-gurnata, ma jistawx jużaw din il-kawza sabiex jipproċedu ghal-istess. Ma jirriżultax mill-atti li l-atturi ghamlu xi talba simili jew inkellha intavolaw xi proċeduri kontra l-konvenuti f'dan is-sens. Ghalhekk, id-dikjarazzjoni li qeghdin jitolbu minn din il-Qorti f'din il-kawza ma hija ser twassalhom imkien.

Oltre dan, anke d-dikjarazzjoni minnhom maghmula li huma ma aċċettawx il-wirt u rriservaw id-dritt li jitolbu l-legittima (fol. 38) ta' ommhom Maria Azzopardi hija fatali ghat-tezi taghhom f'din il-kawza. Dan ghaliex anke f'kaz ta' eżitu favorevoli f'dan il-kaz odjern, f'kaz li huma jitolbu l-legittima spettanti lilhom kien ikun hemm dak li huwa maghruf bhala r-rijunjoni fittizja tal-gid tad-decujus (ara **Nazzarena Sciberras et vs Joseph Schembri** deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Jananr, 2014) u ghalhekk ma hijiex mehtiega l-ebda dikjarazzjoni bhal ma qeghdin jitolbu f'din il-kawza. Din il-proprjeta, semmai – u applikat il-principju tar-rijunjoni fittizja - kienet tidhol ghal finijiet ta' komputazzjoni ta' assi tad-decujus fil-kawza tal-legittima minghajr l-ebda htiega ta' dikjarazzjoni bhal ma qeghdin jitolbu l-atturi odjerni f'din il-kawza.

Ghalhekk, il-Perit Legali kkonkluda li din l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti dwar il-karenza ta' interess ġuridiku tal-atturi fl-azzjoni proposta minnhom kellha mis-sewwa u konsegwentement kien tal-opinjoni li l-Qorti kellha tilqa l-istess eċċezzjoni u konsegwentement tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-gudizzju.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat u ezaminat **l-Artikolu 845(1) tal-Kodici Civili** jipprovdi li:

> ***"L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem rizervat [legittima], sew fis-successjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk abintestato, tispicca bl-gheluq ta' ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni."***

Skont gurisprudenza kopjuza tal-Qrati nostrana, il-preskrizzjoni naxxenti minn dan l-Artikolu hija ta' natura akkwizittiva.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Alberto Grixti vs Angela sive Giulio Ellul**, il-**Qorti tal-Appell** kienet tal-fehma illi:

> ***"Hu indubitat li l-preskrizzjoni ...fuq imsemmija hija fin-natura taghha akkwisittiva ghaliex minhabba dak iz-zmien, il-possessur tal-eredita' jew tal-legat ikun akkwista d-dritt fuq l-eredita' jew fuq il-hwejjeg li jikkomponu l-legat u ghalhekk ikun jista jirrespingi d-dritt ta' min jigi l' quddiem li ghal dan id-disposizzjoni ghandha natura estintiva."***[1]

Din is-sentenza giet ukoll ikkonfermata minn sentenzi sussegwenti, fejn intqal illi:

> ***"Il-preskrizzjoni decennali li tolqot l-azzjoni maghrufa bhala "petitio hereditatis" biex jintalab wirt jew legat, jew sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal jew lill-konjugi, tant fis-successjoni testata, kemm f'dik intestata hija preskrizzjoni akkwizittiva."***[2]

Il-principju li huwa mibni fuqu dan l-artikolu ghalhekk huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min, ghaz-zmien ta' ghaxar snin ikun zamm f'idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja. B'effett dirett tan-natura tal-preskrizzjoni akkwizittiva, persuna li ma

1 **Alberto Grixti vs Angela sive Guilio Ellul**, Qorti tal-Appell Civili (15 ta' Dicembru 1939).

2 **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et,** Qorti tal-Appell Civili (29 ta' Jannar 1954). Vide wkoll **Edith Galea et vs Joseph Degorgio et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili (18 ta' Mejju 2005); **Angelo Zerafa et vs Michelina Azzopardi**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (7 ta' Novembru 2014); **Erminia Vassallo et vs Lilian Claire Miceli,** Prim'Awla tal-Qorti Civili (25 ta' Gunju 2015).

zzomx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni decennali tal-petitio hereditatis prodvuta fl-Artikolu 845 tal-Kodici Civili.

Huwa stabbilit li biex tirnexxi l-eccezzjoni taht l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili irid jintwera li min ikun gie mfittex biex irodd il-haga mhollija b'wirt lir-rikorrenti, irid ikun zamm pussess shih tal-haga mitluba daqs li kieku kienet tieghu (animo domini) ghaz-zmien kollu preskrittiv.[3]

Fis-sentenza **Albert Camilleri vs John Camilleri et**, gie rilevat illi:

> ***"Pussess li jrid jigi pruvat minn min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex huwa jrid jipprova mhux biss li l-azzjoni giet perenta bil-perkors taz-zmien imma wkoll illi hu bil-pussess tieghu li jrid ikollu l-elementi kollha biex jikkwalifikah bhala pussess 'uti dominus' fil-fatt akkwista l-proprjeta' tramite l-istess preskrizzjoni. Preskrizzjoni decennali li tirrikjedi wkoll bhala element kostituttiv taghha l-buona fede".***

Sabiex jirnexxi fl-azzjoni, ir-rikorrent ikun irid jipprova illi huwa zamm f'idejh dawk il-hwejjeg tal-wirt, ghal minn inqas ghaxar snin, bi buona fede. Pero, a tenur tal-Artikolu 532 tal-Kodici Civili il-buone fede hija prezunta, u huwa min jallega l-mala fede, illi jrid igib prova ta' dan.

Bil-prezentata tal-kawza odjerna, ir-rikorrent mhux qed jitolbu illi jinghataw il-legittima spettanti lilhom skont il-ligi, izda qieghdin jitolbu dikjarazzjoni ta' nullita ta' kuntratt ta' bejgh datat 14 ta' Frar 1996 permezz ta' liema ommhom bieghet sehem ta' nofs (1/2) indiviz wahdu lil intimat John Azzopardi u lil intimati Eugenio u Helen mizzewgin Azzopardi sehem ta' nofs (1/2) indiviz bejniethom tan-nuda propieta ta' sehem ta' nofs (1/2) indiviz tal-ghalqa imsejha tal-Vitar, fil-kuntrada ta' Ghamara. L-intimat ghalhekk jargumentaw illi r-rikorrent m'ghandhomx l-interess guridiku rikjest f'din il-kawza peress illi l-preskrizzjoni provduta fl-Artikolu fl-Artikolu 845 tal-

3 **Erminia Vassallo et vs Lilian Claire Miceli**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (25 ta' Gunju 2015).

Kodici Civili ma gietx interotta bil-prezentata ta' din il-kawza, u ghalhekk issa tilfu d-dritt illi jipprezentaw azzjoni sabiex jiehdu l-legittima.

Din il-Qorti ma tikkondividiex ma dan l-argument, u hija tal-fehma illi l-prezentata tal-kawza odjerna interrompiet il-preskrizzjoni, nonostante l-fatt illi ma hemmx talba diretta sabiex ir-rikorrent jinghataw il-legittima spettanti lilhom. Din l-azzjoni tista' tinfluxxi fuq il-likwidazzjoni tal-legittima spettanti lir-rikorrent, jekk ikun hemm ezitu favorevoli ghalihom. Ghalhekk, fid-dawl tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Costantino Muscat pro et noe vs Nazzareno sive Reno Muscat et** tat-28 ta' Novembru 2013, il-Qorti tqis li bil-prezentata ta' rikors guramentat f'din il-kawza, ma baqghetx ghaddejja l-preskrizzjoni.

B'konsegwenza ta' dan, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rikorrent ghandhom l-interess guridiku rikjest sabiex jipproponu u jissoktaw b’din l-azzjoni. Dan peress illi, f’kaz illi din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent u tiddikjara null u bla effett l-kuntratt ta' bejgh impunjat, il-proprjeta li giet trasferita permezz tieghu terga ssir parti mill-assi ereditarji tad-defunta, u ghalhekk tkun parti mill-komputazzjoni ghall-likwidazzjoni tal-legittima spettanti lir-rikorrenti. Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi r-rikorrent ghandhom l-interess guridiku rikjest biex jipproponu u jissoktaw b’din l-azzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tichad l-eccezzjonijiet preliminari tal-intimati, u ser tghaddi sabiex tqis din l-azzjoni fil-mertu taghha.

**Ikkonsidrat;**

Din hija azzjoni ta' annullament ta' bejgh a bazi tad-dolo tax-xerrejja. Sabiex azzjoni simili tirnexxi, irid qabel xejn jigi provat illi kien hemm **dolo** da parti tal-intimati, qua xerrejja fuq il-kuntratt impjunat. Il-ligi tghid espressament illi l-prova ta' tali dolo trid issir minn min ikun qed jallegah u l-intenzjoni li tqarraq hija essenzjali peress illi d-dritt modern ma jammettix id-dolo oggettiv *in re ipsa*. Dan id-dolo jikkonsisti fir-rieda hazina ta' wiehed mil-kontraenti li topera permezz ta' qerq (raggiri) biex tiddevja r-rieda tal-iehor billi iddahhlu fi zball. Fil-fatt, ikkonsidrat min-naha tad-'**deceptor**' id-dolo huwa raggir, filwat li min-naha tad-'**deceptus**' hu zball. Sabiex l-agir

impunjat jigi kkonsidrat bhala dolo, **irid jilhaq il-grad ta' malvagita**.[4] Wiehed mir-rekwiziti tar-raggir anzi dak li jikkaratterizzah, hija l-intenzjoni u l-volonta` diretta f'min jaghmlu, li jikkaguna hsara lill-kontraent l-iehor.[5]

Skont il-ligi, l-eghmil doluz ma jistghax ikun prezunt u ghalhekk ir-rikorrent jehtiegilhom jipprovaw illi l-intimati uzaw **'scienter'** raggiri frawdolenti u artifizji li kienu wkoll gravi.[6] Cioe nonostante, din il-Qorti, minn zmien passat, dejjem kienet tal-fehma illi:

> ***"Attesoche non e' fuor di proposito notare che sebbene la stessa legge non riconosce presunzioni di dolo contrattuale, non le riconosce bensi come presunzioni legali, senza escludere con cioe' che il criterio morale di giudicanti si regoli sopra congetture prestanti ragionevoli presunzioni che concordate con fatti noti producono in anima loro la convinzione."***[7]

Fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrent ma rnexxielhomx jipprovaw sal-grad rikjest li gie kommess xi frodi fil-konfront taghhom. Il-Qorti m'hijiex moralment konvinta illi l-intimati kellhom l-intenzjoni doluza diretta biex jaghmlu hsara lill-ommhom billi jakkwistaw minn ghandha proprjeta b'xejn.

L-ewwel nett, ghalkemm ir-rikorrent jsostnu illi sehem ommhom mill-proprjeta mibjugha kellhu l-valur ta' Lm100,000, l-ebda prova ma giet prodotta fir-rigward ta' dan, u lanqas mar-rikorrent talbu lil Qorti sabiex tinnomina perit biex jaghmel stima tal-valur tal-proprjeta mibjugha permezz tal-kuntratt impunjat. Galdarba l-oneru tal-prova kien jinkombi fuqhom, dan huwa nuqqas serju li jimmilta sew kontra t-tezi tar-rikorrenti. Barra minn hekk, anke f'kaz ta' suspett illi l-proprjeta mibjugha permezz tal-kuntratt impunjat kienet ghal prezz aktar baxx minn dak attwali, l-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex tiddubita l-argument tal-intimati illi ommhom riedet ukoll

4 **Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et vs Avukat Dottor Anthony Farrugia et**, Qorti tal-Appell Civili (31 ta' Marzu 1967).

5 Decizjoni misjuba a Vol XLII p. I pg.126, citata fis-sentenza fl-ismijiet **George Attard et vs John Platts**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (31 ta' Jannar 2003).

6 **Joseph Mifsud noe vs Paul Tanti**, Prim'Awla tal-Qorti Civili (4 ta' Frar 1965).

7 **Teresa moglie di Giuseppe Galea vs Salvatore Bonnici,** Prim'Awla tal-Qorti Civili (25 ta' Ottubru 1884).

tirrikonoxxi dak li kienu qed jaghmlu maghha, u dan ikkunsidrat il-fatt illi rrizulta ampjament illi l-intimati kienu qed jiehdu hsieb ommhom mill-ahjar li setghu u ghamlu kull spiza xierqa sabiex ikollha l-ahjar kura possibbli.

Huwa haga minn awl id-dinja li f'kaz li l-omm riedet titrasferixxi l-proprjeta' taghha lill-uhud minn uliedha, kienet sejra tippretendi prezz aktar baxx minn *market value* tal-proprjeta', aktar u aktar jekk riedet tikkompensahom ghal dak li kienu ghamlu maghha.

Kellha kull dritt u setgha li taghmel dan, specjalment tenut kont illi kien hemm certifikat mediku li juri li hija kienet f'sensieha u kapaci tiddisponi meta sar il-kuntratt.

Din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll ix-xhieda tal-kirurgu Attard li wettaq l-operazzjoni (amputazzjoni fir-rigel) **xi erba' xhur wara li sar il-kuntratt li qed jigi impunjat**. Il-kirurgu Alex Attard sab illi omm il-kontendenti kapaci' illi taghti il-kunsens taghha ghaliex, kienet ***"orientata u taf x'inhu jigri***" –Vide fol. 318 u li minhabba il-gravita' tal-intervent kirurgu – cioe' amputazzjoni ta' rigel, "***it is standard practice illi nkunu ċerti doppjament li l-pazjent ikun qieghed jifhem ghal xhiex qieghed jiffirma*"**(a fol. 318)

Di piu', meta wiehed jikkonsidra illi kura intensiva li l-omm giet moghtija minn uliedha l-intimati, inklus roster ta' *nurses* d-dar, sodda specjali, akkomodazzjoni f'Villa Messina ghal perjodu konsiderevoli, wiehed jifhem li ma tantx se jibqa' bqija mis-somma ta' tletin elf liri Maltin, cioe' l-prezz tal-bejgh tal-art lamentata. Il-Qorti tinnota ukoll li hadd mir-rikorrenti ma baghat jitlob x'kien is-sehem tieghu ghall-ispejjez tas-soggorn t' ommu f'Villa Messina, jew is-sehem tieghu ghall-ispejjez tan-*nurses,* kif l-anqas hadd ma talab x'kienu l-ispejjez legali tieghu ghal causa mortis.

Ghalhekk ma tirrizulta l-ebda raguni ghalfejn din il-Qorti ghandha tissindika d-decizjoni t' omm il-kontendenti, galadarba ma jirrizultawx provi jew indizji gravi li hija giet indotta fi zball minhabba r-raggiri tal-intimati.

Il-Qorti lanqas ma hija moralment konvinta illi l-kuntratt sar bi frodi tad-drittijiet tar-rikorrent minhabba, kif allegaw huma, li qatt ma sar hlas fuq il-kuntratt. L-ewwel nett, in-Nutar Marthese Felice xehdet illi gialadarba fil-kuntratt hemm imnizzel illi l-venditrici rcievet il-hlas tal-prezz miftiehem fuq il-kuntratt u kienet qed thalli d-debita ricevuta, dan ifisser illi hija kienet accertat ruhha illi l-venditrici kienet hadet il-hlas dovut lilha. Barra minn hekk, il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita illi l-ammont ricevut minn omm il-partijiet ma giex depozitat il-bank. Din kienet l-ghazla taghha stante li ma kienetx temmen f'banek. Fil-fatt mill-provi jirrizulta illi omm il-kontendenti ftit li xejn kellha flus il-bank, fatt illi jikkorbora t-tezi tal-intimati illi ommhom kienet tippreferi thalli l-flus id-dar milli tiddepozitahom il-bank. Lanqas ma hija xi sorpriza ghal din il-Qorti li ebda flejjes ma nstabu d-dar tal-omm wara mewtha, mehud kont tal-ispejjez gholjin f'soggorn prolungat f'Villa Messina u roster ta' *nurses* inkarigati biex jikkuraw lill-omm il-kontendenti meta kienet ghadha d-dar.

Ghalhekk il-Qorti tqis illi ma jirrizultawx mill-provi xi intenzjoni da parti tal-intimati illi jaghmlu hsara lid-drittijiet ta' ommhom jew tar-rikorrenti, u lanqas li gew uzati minnhom raggiri frawdolenti sabiex jinducu lill-ommhom fi zball meta sar il-kuntratt ta' bejgh.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi waqt li tichad l-eccezzjoni ta' karenza t'interess guridiku tal-intimati, tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-intimati, tichad t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

*** U b'digriet tas-26 ta' Mejju 2021 tal-Qorti tal-Appell ghandu jizdied l-isem ta' Olivia Azzopardi (wara l-isem ta' Noella Azzopardi).**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**

**Illum, 7 t'Ottubru 2021**